MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD,
L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Dipartiment tal-Affarijiet Rurali

Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti
110, Triq Annibale Preca, Lija LJA 1915 - Malta

# Rapport Annwali 2020

## Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti

Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti (PPD) huwa l-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti. Id-Direttorat jaħdem bil-għan li tiġi evitata l-introduzzjoni ta' organiżmi w mard li jagħmlu ħsara lill-pjanti jew prodotti tal-pjanti jew it-tifrix tagħhom fil-Komunità Ewropea. Dan jitwettaq f'konformità mal-politika tas-saħħa tal-pjanti tal-Komunità Ewropea. Matul l-2020, id-Direttorat kompla bis-sorveljanza tas-suq tal-materjal ta' propagazzjoni tal-pjanti fit-territorju Malti bil-għan li jkun hawn fiċ-ċirkulazzjoni kwalità għolja ta' dan it-tip ta' materjal. Id-Direttorat kompla bl-implimentazzjoni tar-regolamenti li jikkonċernaw l-aċċess u l-qsim ta' benefiċċji li jirriżultaw mill-użu ta' riżorsi ġenetiċi Maltin.

F'din is-sena, 12-il liġi nazzjonali ġew miktuba mid-direttorat u ppublikati. Il-maġġoranza jittrasponu liġijiet tal-Unjoni Ewropea dwar il-materjal tal-propogazzjoni ta' ċereali, patata, magħlef, ħaxix tal-ikel, pjanti ornamentali, dwieli u siġar tal-frott. Il-liġijiet Maltin jittrattaw dwar l-ismijiet/klassifikazzjoni ta' speċi tal-pjanti, eżaminazzjoni ta' varjetajiet ġodda, it-tip ta' pesti tal-pjanti u mard li mhumiex ta' kwarantina, tikettar tal-materjal u ċertifikazzjoni tal-pjanti. Inbeda xogħol ieħor fuq liġijiet nazzjonali kemm dak ta' aġġornament ta' wħud ġa eżistenti w kitba ta' oħrajn ġodda.

Kompla jsir xogħol intensiv dwar x'kien qed jiġi nnegozjat bejn l-Unjoni Ewropea w l-Ingilterra u l-effetti li jista' jkollu l-BREXIT fuq Malta fis-setturi ta' mard tal-pjanti u kummerċ ta' materjal u varjetajiet tal-pjanti u l-implimentazzjoni nazzjonali tar-Regolamenti Ewropej dwar il-kontrolli uffiċjali u l-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti fost oħrajn.

Id-Direttorat kompla t-twettieq ta' żewġ proġetti ko-finanzjati mill-EFSA relatati mal-organiżmu ta' ħsara għaċ-ċitru, *Phyllosticta citricarpa*. Proġett minnhom kien dwar il-kooperazzjoni għat-tħejjija f'każ ta' kriżi fl-Unjoni Ewropea ikkawżata minn dan il-fungu u l-proġett l-ieħor *"SMART: Smart monitoring of airborne plant pathogens: advances in aerobiology, and molecular diagnostics and remote sensing to support risk based plant health surveillance in the EU*" jitratta dwar identifikazzjoni bikrija ta' mard tal-pjanti u prevenzjoni speċjalment tal-*Phyllosticta citricarpa*.

**Promozzjoni**

Matul l-2020, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti kompla bil-kampanja promozzjonali tiegħu ta' għarfien dwar il-mikrobi w nsetti li huma rregolati mill-liġi w li jagħmlu ħsara kbira lill-pjanti kemm dawk agrikoli w dawk ornamentali. Dan ix-xogħol sar biex ikompli jiżdied l-għarfien fi ħdan il-Ministeru u fil-pubbliku in ġenerali.

F'dan ir-rigward, id-Direttorat pproduċa *sun visors* għall-użu fil-vetturi w li fuqhom ġew ipprintjati 13-il insett jew sintomu u notifika biex jekk persuna tiltaqa’ ma’ wiehed jew aktar minn dawn, tinforma lid-direttorat. Ukoll, sar l-istess reklamar fuq il-kartun tal-ħalib li jiġi prodott u mibjugħ f’Malta w ġew maħluqa *cards* miġbura ġo *info pack* b’informazzjoni fuq il-mard li ma jinstabx Malta imma li hu ta’ mportanza kbira għall-ġżejjer Maltin. Il-vetturi tad-direttorat sarilhom *wrapping* fuq l-istess tema. Filmati ġodda ta' minuta dwar l-organiżmi ta' ħsara u mard tal-pjanti u r-riskju assoċjat mad-dħul tagħhom fil-gżejjer Maltin ġie prodott u imxandar fuq l-istazzjon tat-TV lokali. Dawn kienu murija kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż fuq it-televiżjoni.

Is-sena 2020 kienet iddedikata internazzjonalment bħala s-Sena Internazzjonali tas-Saħħa tal-Pjanti 2020 u din ġiet imnehdija ġo Malta f’Ottubru tal-2020. Is-slogan li ntgħazel minn Nazzjonijiet Uniti għal din is-sena partikolari kien “Nipproteġu l-pjanti, nipproteġu l-ħajja”. Id-direttorat flimkien mal-Ministeru ħejjew konferenza stampa w workshops li kienu mmirati primarjament għall-persuni/entitajiet li jagħmlu xogħol li jinvolvi t-tkattir, tkabbir u/jew bejgħ ta’ materjal tal-pjanti f’Malta. Dawn l-attijitajiet ġew strijmjati *live* u murija fil-paġna tal-*Facebook* tal-Ministeru.

**Sorveljanza u Infurzar**

Id-Direttorat kompla wkoll bil-monitoraġġ u bil-kontroll tat-tixrid ta’ organiżmi ta’ ħsara fit-territorju Malti u kummerċ li jiġu minn pajjiżi terzi u mill-Unjoni Ewropea. L-ammonti t’attivitajiet ta’ monitoraġġ u kontrolli li saru kienu: 59 fuq palm, 11 fuq posta fejn ġew spezzjonati 27 -il pakkett postali, li minnhom 12 ġew rilaxxati, 11 ġew miżmuma, 1 ġie rilaxxa parti minnu u 3 ġew referuti għand l-MCCA, 285 fuq impurtar, 158 fuq imballaġġ tal-injam minn pajjiżi tezri u 11 fuq imballaġġ tal-injam mic-Ċina u mill-Belaurs, 64 fuq ċana, 6 spezzjonijiet fuq il-katamaran, fejn hawn kien hemm tnaqqis fl-ispezzjonijiet minħabba il-pandemija tal-Covid 19, 184 attivitajiet reġistrati (spezzjonijiet annwali) minn dawn kien hemm 51 Business Inspections , 30 ispezzjoijiet fuq 15-il nassa tal-halyomorpha halys, u 1786 każi ta’ stħarriġ ta’ sorveljanza tal-pesti. Tpoġġew ukoll 52 nassa għall-programm tas-sorveljanza tal-pesti. Rigward li-ispezzjonijiet tal-ABS għamilna kuntatt mal-kumpaniji tal-farmaċewtika fejn rajna liema kumpaniji li jagħmlu użu mir-risorsi ġenetici naturali fejn minnhom sibna 2 li huma kompatibli. Ġew irrapurtati 8 notifiki lill-Unjoni Ewropea dwar nuqqasijiet li nstabu waqt l-ispezzjonijiet tal-impurtar fis-sistema tal-Europhyt. Ġew ukoll verifikati 5368 notifika ta’ pjanti u

prodotti oħra mill-Unjoni Ewropea fis-sistema Intrastat. Min-nofs din is-sena id-Direttorat sar responsabbli tar-Regolament Nru 995/2010 dwar il-kummerċ tal-injam (timber).

Id-Direttorat ta’ 33 awtorizzazzjonijiet tal-liċenzji relatati ma’ prodotti ta l-injam li ġejjin mil-Indonesja fuq is-sistema tal-FLEGT online. Kien deċiż li ma’ kull ħamsa u għoxrin approvazzjoni online issir inspezzjoni fiżika tal-prodotti u għaldaqstant saret ukoll inspezzjoni fiżika waħda. Fl-2021 huwa ppjanat li jibda jsir infurzar relatat ma’ l-EUTR.

**<u>Servizzi tal-Laboratorju</u>**

Matul is-sena 2020, sar xogħol fuq l-implimentazzjoni tal-Miżuri tal-Baġit 249 u 250, li jinvolvu r-riformi meħtieġa biex titjieb l-infrastruttura tal-Laboratorju Dijanjostiku u tal-Laboratorju tal-Ħamrija u l-Ilma għat-Tisqija rispettivament. F’Mejju, ħarġet sejħa għall-offerti għat-titjib tal-Laboratorju tal-Ħamrija u f’Ottubru ġie ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur magħżul, bix-xogħlijiet jibdew f’Novembru. Dwar il-Laboratorju Dijanjostiku, il-kuntratt mal-kuntrattur magħżul ġie ffirmat wara proċedura nnegozjata ristretta. Huwa ppjanat li x-xogħlijuiet fiż-żewġ laboratorji jitlestew fis-sena 2021.

Xogħol ieħor marbut mat-titjib f’dawn il-laboratorji kien it-tfassil ta’ sejħiet għall-offerti għax-xiri ta’ għamara tal-Laboratorju. F’Novembru, ħarġet sejħa għall-offerti għal għamara għall-Laboratorju tal-Ħamrija. Il-kuntratt mal-kuntrattur magħżul għandu jiġi ffirmat lejn il-bidu tal-2021.

F’Lulju tal-2020, tliet esperti barranin minn laboratorju akkreditat għad-dijanjożi ta’ pesti tal-pjanti (AGES), żaru l-Laboratorju Dijanjostiku u wettqu *gap analysis* tal-laboratorju. L-għan ta’ dan il-*gap analysis* kien li jgħin lid-Direttorat sabiex iżid aktar il-kapaċitajiet dijanjostiċi tal-laboratorju u jtejjeb is-sistema tal-immaniġġjar tal-kwalità tal-laboratorju bi preparazzjoni ghall-akkreditazzjoni skont l-istandard internazzjonali ISO 17025. Wara din l-analiżi, id-Direttorat ġie ppreżentat b'rapport dettaljat li kien jinkludi rakkomandazzjonijiet dwar il-bidliet proċedurali, kif ukoll strutturali, meħtieġa għall-akkreditazzjoni tal-Laboratorju Dijanjostiku.

Fl-2020, ġie iffirmat kuntratt ma’ entomologu għal servizzi dijanjostiċi relatati mal-identifikazzjoni ta’ insetti bħala pesti ta’ pjanti. Ġie iffirmat ukoll kuntratt ma’ laboratorju akkreditat fi Stat Membru ieħor, din id-darba għal servizzi ta' ttestjar ta’ xi batterji u *viruses* li jikkawżaw mard fil-pjanti. Dawn il-kuntratti saru wara żewġ sejħiet għall-offerti.

Saru l-aħħar xogħlijiet marbuta mal-iżvilupp tas-sistema informatika għall-immaniġġjar tad-data fil-laboratorji (*Laboratory Information Management System*) fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti.

Din is-sistema għandha tiffaċilita l-amministrazzjoni tal-kampjuni, tal-analiżi u tad-data fil-laboratorji, u b'hekk tgħin biex titjieb l-effiċjenza. Is-sistema informatika bdiet tintuża matul din is-sena, filwaqt li saret il-fażi finali ta' ttestjar bir-reqqa fil-moduli kollha.

Matul l-2020, il-Laboratorju tal-Ħamrija u l-Ilma għat-Tisqija kompla janalizza ammont konsiderevoli ta' kampjuni tal-ħamrija għal materjal organiku. Dawn l-analiżi huma marbuta mal-Miżura għall-Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ġestjoni u Konservazzjoni tal-Artijiet (AECM5). Numru minn dawn il-kampjuni tal-ħamrija ġew analizzati ukoll għan-Nitrat, il-Potassju u l-Fosfru bi tħejjija għall-pjanijiet ta' fertilita' tal-ħamrija.

Statistika dwar it-testijiet li ġew imwettqa fil-laboratorji tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti fl-2020 hija mogħtija f'Tabella 1.

| **Laboratorju** | **Testijiet** | **2020** |
|---|---|---|
| tad-Djanjostika | Pjanti | 2,133 |
| tal-Ħamrija u l-Ilma għat-Tisqija | Ħamrija | 5,503 |
| tal-Ħamrija u l-Ilma għat-Tisqija | Ilma | 61 |

Tabella 1: Numru ta' Testijiet tal-Laboratorji

## **Riżorsi Ġenetiċi**

Fl-2020 l-Unità għar-Riżorsi Ġenetiċi fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti, tat sehma fis-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-impenji globali li ġejjin mill-Kummissjoni dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi għall-Ikel u l-Agrikoltura, b'mod partikolari fuq it-Trattat Internazzjonali għar-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura, kif ukoll it-Tieni Pjan ta' Azzjoni għar-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura. L-Unità ħadet sehem fit-tfassil ta' rapporti nazzjonali dwar ir-rabta bejn ir-riżorsi ġenetiċi agrikoli tan-nutrizzjoni, il-bijodiversità fl-agrikoltura, it-tieni rapport dwar l-istat tal-foresti għall-ikel u l-agrikoltura, kif ukoll fil-ħidma li għaddejja għat-tfassil tat-tielet rapport nazzjonali dwar l-istat tar-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti għall-ikel u l-agrikoltura. Dan kollu se jkun siewi għat-tħejjija ta' rapport globali mill-Kummissjoni dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi għall-Ikel u l-Agrikoltura fuq l-istess tema. B'komformita mar-rakkomandazzjonijiet tat-Tieni Pjan Globali ta' Azzjoni dwar il-Pjanti, l-Unità qed twettaq xogħol ta' tħejjija għat-twaqqif ta' bank tal-ġeni biex jibda jaħdem fi ftit snin oħra. Il-laboratorju tal-Kulturi ta' Tessuti tal-Pjanti fi ħdan l-Unita kien involut fil-propagazzjoni u l-konservazzjoni ta' varjetajiet indiġeni fosthom ċawsli bojod u suwed, lanġas selvaġġ, deru, u pjanti oħra ta' importanza mil-lat agrikolu u ħarsien ambjentali. Saru esperimenti preliminari biex jiġu mxettla l-pjanti ta' *Pyrus syriaca, Olea europaea* u *Pistacia terebinthus* iżda s'issa l-proċess għadu għaddej.

**Taqsima tal-Ġonna**

Matul is-sena 2020 numru ta' pjanti ornamentali li tkabbru fil-mixtla tad-Direttorat ġew mqassma lil diversi entitajiet pubbliċi u għaqiet mhux governattiv, biex jiġu msebbħa bini u uffiċini. B'kollox ġew imqassma, 34 Farfugium, 76 Ficus, 78 Saintpaula, 48 Nephrolepis, 4 Kentia, 39 Sanseveria, 34 Chlorophytum, u 22 sukkulenti.

Barra minn dawn, xitel tat-tut li kien imkabbar b'suċċess fil-laboratorju permezz tal-mikropropagazzjoni, kien trasferit għas-serra fejn ġie mħawwel diversi drabi fi qsari dejjem akbar. B'dan il-mod tkabbru 470 xitla tat-tut.

Minħabba restrizzjonijiet kawża tal-Covid 19, matul 2020 ma ġewx aċċetati żjarat mill-iskejjel fil-Ġnien tal-Pjanti Indiġeni.

**Mixtla San Vinċens de Paule**

F'Ottubru tal-2019, bdiewa, dilettanti u entitajiet oħra għamlu l-ordnijiet tagħhom għas-selvaġġ u għas-siġar tal-frott. Biex il-klijenti jiġu moqdija fi żmien qasir u f'post wieħed, ġie organizzat one-stop-shop fil-Mixtla stess. Is-siġar ordnati ġew mqassma f'Marzu tal-2020. Wara li ġew moqdija dawk kollha li għamlu xi ordni, l-Mixtla fetħet għall-pubbliku għal ftit tal-ġranet biex dak li baqa, jinbiegħ direttament. Dan il-bejgħ kellu jintemm hesrem minħabba t-tifqija tal-Covid 19. Bejn ordnijiet u bejgħ dirett kien hemm mas-793-il applikazzjoni. Bi ftehim mal-Ministeru għall-Għawdex, il-bdiewa u dilettanti Għawdxin ingħataw l-opportunita' biex jiġbru s-siġar ordnati minnhom mill-Qasam Sperimentali tax-Xewkija. Inbiegħu total ta' 4061 siġra tal-frott, 1248 siġra taż-żebbuġ, 1120 siġra taċ-ċitru, 2888 xitla tas-selvaġġ tal-frott, u 1314 selvaġġ tad-dwieli Amerikani. Il-bejgħ totali kien jammonta għal €54,911.00. Il-maġġoranza tas-siġar tal-frott mibjugħa kienu mlaqqma u mkabbra fil-Mixtla ta' San Vinċens.

Matul l-2020, total ta' 6130 selvaġġ tal-frott u 10,470 il-biċċa tas-siġar tal-frott kienu mħawwla fl-art fl-għelieqi tal-Mixtla. Mal-500 xitla taċ-ċawsli selvaġġ, 324 tan-naspli selvaġġ, u 2000 xitla taż-żebbuġ selvaġġ, kienu mħawwla fil-qsari lesti għat-tilqim. Sar wkoll iż-żriegħ tat-tut fit-tilari, fejn inżergħu mal-1400 żerriegħa waħda waħda, u ż-żriegħ taż-żebbuġ u tan-naspli fil-ħmiemel.

B'kollox matul is-sena 2020, tlaqqmu madwar 2800 siġra taż-żebbuġ u ċitru, 700 tat-tut, 228 tan-naspli u 60 taċ-ċawsli. Minħabba d-direzzjoni l-ġdida li ħadet il-Mixtla, minn din is-sena beda jsir aktar emfasi fuq it-tnissil ta' siġar tal-frott ta' Malta.